Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 25- It-Tnejn 12 ta' Lulju 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Ghajnsielem nhar it-Tnejn 12 ta' Lulju 2021 fl-4:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Loredana Agius | Ambaxxattriċi |
| **Skużat** | Franco Ciangura | Viċi Sindku |

## 25.1 Talba

25.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

## 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

25.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

## 25.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

25.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra tal-Viċi Sindku Franco Ciangura billi skuża ruħu li ma setax jista jattendi għal-laqgħa peress li jinsab ma jiflaħx.

## 25.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

25.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi beda billi għamel referenza għal-laqgħa tas-Sindki fir-Regjun Għawdex u għall-prezentazzjoni ta' kotba li saret mir-Regjun lil kull librerija f'Għawdex. Il-Kunsill laqa' b'sodisfazzjon din l-għotja.

25.4.2 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija. Fix-xahar ta' Gunju ma' kienx hemm issues partikolari iżda talbu biex issir laqgħa qrib il-festa u infurmaż li ċ-ċentru tar-raħal ser ikun magħluq għat-traffiku biex wieħed ikun jista jgawdi ċ-ċentru tal-Lokal mingħajr periklu. Is-Supretendent wieġbu li mhux meħtieg il-permess tal-pulizija sakemm ma tkunx ser issir xi attivita'.

25.4.3 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa flimkien mal-Viċi Sindku Franco Ciangura u s-Segretarju Ezekuttiv Lucienne Haber kellhom mal-Malta film commissioner Johann Grech rigward il-dwar possibilita ta' kollobarozzjoni flimkien għall-upgrading tal kmamar ta' bethlehem f'Għajnsielem biex ikun tajbin għall-attivita' tagħna kif ukoll għall-industrija tal-filming. Sar qbil li ser infasslu talba formali u tintbgħat fil-jiem li gejjin.

25.4.4 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-Applikazzjoni PA 3090/17 tas-solar farm ta' Triq Imgarr u li għaliha bhala Kunsill qabbad lill-Avukata Claire Bonnello biex tidher għalih. Huwa nforma lill-Kunsill li l-permess ġie refused.

25.4.5 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-Għaqda Armar Għajnsielem biex nagħmlu arblu twil u jitpoġġa minn April sa' Settembru sabiex ikun bħala attrazzjoni għall-okkażżjonijiet. L-unika post ideali fejn jista li jista jitpoġġa huwa Ta Passi u b'hekk jitgawda minn kull min jitla' u jinzel ix-Xatt. Il-

Kunsill qabel li għandu jkun hu li jiffinanzja din l-attrazzjoni gdida fil-lokalita'.

25.4.6 Is-Sindku għamel referenza għall-kuntatt li kellu minn familja fejn talbitna sabiex nnadfu il-fetha tal-wied fil-parti fejn tibda il-One Way ta' Triq il-Fugazz u nagħtu parti zgħira bic-cement sabiex jikber il-parkeġġ għal bdiewa ta dawn l-inhawi. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

25.4.7 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall- Business dinner li attenda għaliha flimkien mal-President ta' Malta fejn seħħet diskussjoni dwar l- 'L-Istat tan-Nazzjon' Is-Sindku rrefera għall-intervent tiegħu waqt din l-ikla fejn tkellem dwar l-aspett tal-volontarjat li dejjem qed jonqos, l-isfidi li qed jiffaċċjaw l-għaqdiet u l-fatt li l-element tal-volontarjat qiegħed dejjem jonqos.

25.4.8 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li kellu mad-Direttur tal-Kultura t'Għawdex John Xuereb peress li s-sena li ġejja ser issir esebizzjoni f'kull raħal dwar x'toffri l-lokalita' partikolari fejn tidħol kultura u wirt storiku. Is-Sindku identifika xi siti f'Għajnsielem li huma kkunsidrati bħala wirt tangibli fosthom:-

- Knisja Arċipetali
- Knisja tal Patrijiet Frangiskani
- Kappella Lourdes
- Pitturi Guzeppi Cali / Knisja il-Qadima
- Festa u d-devozzjoni lejn il-Madonna Loreto
- Pjazza tad-Dehra u l-Għajn tal-Hasselin
- Xatt l-Aħmar
- Kappella Santa Ċeċilja
- Bethlehem f'Għajnsielem
- Presepju
- Port tal-Imgarr
- Torri tal-Imġarr x-Xini
- Ras il-Ħobż / Tal-Fessej
- Forti Chambray
- Xatt Aħmar / diving
- Forn tal-pjazza

25.4.9 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-għotja ta' aktar kotba u magazines ġentilment offruti minn Ray Bondin. Sfortunatament

dawn il-kotba, fil-maġġor parti magazines ma ġewx aċċettati għall-uzu tal-librerija iżda l-Kunsill se jara hemx użu aktar utli tagħhom.

## 25.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

25.5.1 Il-Kunsillier Stephen Mercieca faħħar il-fatt li poġġejjna aktar bankijiet fil-bajja tax-Xatt l-Ahmar u ġie avviċinat minn xi ndividwi sabiex inżidu aktar. Is-Sindku qal li kull meta ssir xi ħaġa dejjem hemm min se jfaħħar ix-xogħol u min se jmaqdar. Huwa rrefera għal xi posts li dehru fuq is-social media fejn ġew ikkritikati dawn l-bankijiet għaliex qed itellfu d-dehra naturali tal-bajja. Is-Sindku nforma li diversi snin ilu diġa kien hemm bankijiet tal-konkos fix-Xatt l-Ahmar u fakkar li dawn se jdumu biss għat-tlett xhur tas-sajf.

25.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca staqsa jekk humiex ser jigu xi rappreżentanti mill-Comune di Loreto fl-Italja għal gimgħa tal-festa minkejja li mhu ser isiru l-ebda festi esterni. Is-Sindku wieġeb li għadhom ma tawniex risposta u huwa esprima x-xewqa li għal din l-okkazzjoniji nagħmlu monument zgħir mill-iskultur lokali Joe Xuereb u ninawgurawh meta tiġi delegazzjoni b'mod uffiċjali. Is-Sindku qal li monument minn Joe Xuereb huwa addatat għaliex jirrappreżenta l-għaqda bejn iż-żewġ kommunitajiet. Bħala post fejn ser jitpoġġa jiġi deċiż aktar 'l quddiem. Il-Kunsill qabel dwar dan.

25.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca ippropona li jsiru banners fil-gimgħa tal-festa mad-dawra tal-gnien quddiem il-kazini biex iqajjmu atmosfera. Is-Sindku wiegbu li din hija idea tajba u tista ssir flimkien mal-għaqda Armar tal-Festa.

25.5.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrimarka rigward il-periklu li fiha l-arkata tal-entratura ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Is-Sindku rrispondih li aħna konxji dwar diversi problemi f'Ta' Passi u li ser naraw kif ser nirrimedjawha kemm jista jkun malajr. Sar qbil li għandna nikkonferma l-istima provduta mill-AME sabiex isir studju b'mod immedjat rigward l-istat li fih jinsab Ta' Passi.

25.5.5 Il-kunsillier Stephen Mercieca nforma li l-Museum tas-Subien laħqu ftehim mas-Soċjeta Ġenerali tad-Duttrina sabiex jsir il-grawnd bit-turf. Is-Soċjeta rringrazzjat lil Kunsill li bis-saħħa tiegħu tħarrku l-affarijiet bir-riżultat finali li l-grawnd ser jinkesa

bit-turf. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon li ser isir dan il-proġett tant utli għall-uliedna u wiegħed li ser ikompli jkun strumentali lejn din l-għaqda li tant qed twettaq ġid fost it-tfal.

25.5.6 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għall-ħtieġa ta' tindif lil Wied fi Triq iż-Żewwieqa. Huwa offra l-għajnuna tiegħu flimkien ma' xi ħaddiema . Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol ta' tindif għandu jsir.

25.5.7 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex isiru double yellow lines ma' rampa tar-residenza fi Triq Malta fejn saru r-railings. Sar qbil li għandna nressqu t-talba lill-Transport Malta.

25.5.8 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex jinżebgħu double yellow lines quddiem id-driveway fejn jiltaqgħu l-Għaqda Hbieb tal-Presepju.

25.5.9 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabix isir railing għal anzjana fi Triq Hamri. Din it-talba ġiet approvata.

25.5.10 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex issir rampa quddiem residenza fi Triq iz-Zewwieqa. Din it-talba giet approvata.

25.5.11 Il-kunsillier Teddy Saliba staqsa għaliex il-Mobile Toilets ma' għadhomx jitniżżlu fix-Xatt l-Ahmar. Is-Sindku wieġeb li tnizzlu ftit tal-ġranet ilum u qal li dawn kienu tneħħew minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid.

25.5.12 Il-kunsillier Teddy Saliba staqsa f'hiex waslet is-sistema tal-irrigazzjoni f'Ta' Passi. Is-Sindku wiegbu li qegħdin f'fażi li nibnu ġiebja biex is-sistema tkun aktar effiċjenti.

25.5.13 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għall-appuntament ta' laqgħa li ser issir mal-Ministeru għal Għawdex dwar il-proġett taċ-Ċentru tal-Komunita' fejn ser jesprimu l-proposta ta' underground parking u spazju rikrejattiv u sportiv fuqu. Il-kunsillier Buttigieg irrefera wkoll għal-laqgħa li saret mad-Direttur Joyce Farrugia li attenda għaliha huwa flimkien mas-Segretarja Lucienne Haber rigward il-possibilita' ta' identifikazzjoni ta' bicca art biex tintuza bħala pump track u anke multipurpose track. Huwa spjega kif ġiet identifikata biċċa art wara l-Heliport u qed jiġu mfasslin pjanijiet dwara. Is-Sindku Kevin Cauchi, irringrazzah f'isem il-Kunsill tal-interess u l-ko-ordinazzjoni ta' dan il-progett.

25.5.14 Il-Kunillier Stephen Mercieca faħħar il-progett tal-belveder ta' Sant'Eliju għax verament gie sabih u ntlaqa' tajjeb hafna mill-pubbliku.

## 25.6 Korrispondenza

25.6.1 Ġiet trattata d-Direttiva Numru 3/2021 mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward l-ingaġġar ta' Contracts Manager mal-Kunsill. Sar qbil li għandna nressqu talba sabiex bhala Regjun Għawdex nohorgu sejha kollettiva.

25.6.2 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex it-Triq tax-Xatt l-Ahmar minn Sant' Eliju issir one way is-sena kollha. Sar qbil li dan is-suġġeriment għandna nikkunsidrawh wara s-sajf.

25.6.3 Sar qbil li għandna nibgħatu reminder rigward il-ħtiega ta' tiswija lill-platform tax-Xatt l-Ahmar.

25.6.4 Ġiet trattat l-ilment li l-area ta' quddiem is-sellum fejn kien hemm il-platform ix-Xatt l-Ahmar jizloq hafna. Sar qbil li għandna naraw x'jista jsir.

25.6.5 Ġiet trattata t-talba mingħand għal double yellow lines fuq kull naha ta l-isqaq fi Triq Martino Garzes. Sar qbil li għandna nibgħatu din it-talba lil Transport Malta.

25.6.6 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex isiru double yellow lines faccatta ta zewg garaxxijiet fi Triq il-Provigarju. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

## 25.7 Aġġornament dwar Proġetti

25.7.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ta update tal-progetti tal-Kunsill li għaddejjin bhalissa.

25.7.2 Pjazza Tolfa - Is-Sindku spjega li qed nistennew il-madum jasal u għalhekk ix-xogħol bhalissa jinsab sospiz. Qed nistennew ukoll risposta hux ser niehdu funding minn AmbjentMalta sabiex bihom inkunu nistgħu nwettqu l-canopy u s-sigar. Rigward it-

tender tad-dawl għalaq u gie aġġudikat u għalhekk nistgħu nipprocedu.

25.7.3 Playingfield tal-Gudja - Is-Sindku rrefera għat-tender tal-Playingfield Gudja u għal fatt li r-revision tal-BOQ jinsab lest u malli jibgħatilna t-tender specifications il-Perit inkunu nistgħu nippublikawh.

25.7.4 Playingfield Amabile Cauchi - Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-pjanijiet u preparamenti tal-progett tal-Playingfield Amabile Cauchi. Huwa spjega li l-pjanti jinsabu lesti u ser issir applikazzjoni mal-Lands Department u wara tigi sottomessa l-applikazzjoni ta' żvilupp. Is-Sindku spjega li aktar il-quddiem il-perit ser jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill biex jispjegalna l-pjanti fid-dettal.

25.7.5 Proġett Ċentru tal-Kommunita' - Proġett iehor li rrefera għalih is-Sindku Kevin Cauchi waqt il-laqgħa kien dak tac-Ċentru tal-Kommunita'. Huwa spjega li kellu laqgħa mal-perit tal-progett Edward Scerri. Hekk kif il-perit ilesti s-survey ser jibda l-pjanti preliminari. Is-Sindku spjega kif huwa zgur li ser ikun progett li jinvolvi diversi tibdil ta pjanti u diskusjonijiet anke ma' organizazzjonijiet differenti izda nippruvaw li sa tmiem il legislatura ikunu inhargu l-permessi neċessarji.

25.7.6 Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li l-progett tat-Tarag ta' Bejlikk jinsab lest u issa qed nistennew stima ta' stencil paving għall-isqaq li minn Triq Hamri jagħti għal dan it-taraġ. Huwa rringrazzja lil Kunsillier Stephen Mercieca li ħa ħsieb l-implementazzjoni tal-proġett.

25.7.7 Irrigazzjoni f' Ta' Passi - Rigward il-progett tal-irrigazzjoni f'Ta' Passi qed nistennew stima għall-kostruzzjoni ta' gibja sabiex ikun jista jinbeda x-xogħol u nikkonnettjaw l-irrigazzjoni.

25.7.8 Xatt l-Aħmar - Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-bosta xogħolijiet li saru dan l-aħħar fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar fosthom il-bankijiet u l-boat mooring li t-tnejn li huma ntlaqgħu tajjeb hafna. Huwa spjega wkoll kif qed nistennew li jinbeda x-xogħol tax-shifting tal-blat pero' dan il-process huwa kkumplikat hafna

u l-ERA għada ma aċċettatx l-slit curtain li ser tintuża. Is-Sindku rrefera wkoll għall-iswimming zone li wkoll intlaqgħet tajjeb ħafna. Huwa rrefera wkoll għad-diversi Sinjali nformattivit li saru kemm fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar u anke f'Ras il-Ħobż. Is-Sindku qal li fil-ġimgħat li jmiss ser isir xogħol ta' tindif tal-kanal tal-ilma fejn hemm kamra bit-tabella tal-one way għaliex din il-parti qed tegħreq fix-xitwa. Huwa qal li max-xogħol ser jinqala wkoll iċ-ċement il-qadim u jitnadaf l-post u jingħata wiċċ ġdid sabiex jikber xi ftit il-parkeġġ għal bdiewa ta' dawn l-inħawi. Fil-ġranet li jmiss jingħata wkoll it-tender tal-ħitan tas-sejjieħ għal dawn il-partijiet.

25.7.9 Ħitan tas-Sejjieħ - Rigward il-proġett tal-Ħitan tas-Sejjieħ Xatt l-Aħmar u Triq Briegħen is-Sindku spjega kif tlabna sabiex nutilizzaw is-savings li kien fadal mill-progett għal aktar ħitan u din ġiet aċċettata mill-Managing Authority. Inħarget offerta pubblika u bħalissa għaddej il-process tal-evalwazzjoni tagħha biex eventwalment inkunu nistgħu napprovaw fil-laqgħa li jmiss u b'hekk ikun jista jinbeda x-xogħol.

25.7.10 Arkata Storika - Proġett ieħor li rrefera għalih is-Sindku waqt il-laqgħa huwa dak tal- Bini tal- Arkata Storika tal-Wied. Huwa spjega kif bħalissa għaddejja appplikazzjoni mal-Lands u mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Huwa propona li għandna nżommu xi tip ta' ftehim mal-bdiewa sabiex iżommu l-ewwel parti tal-wied bla qasab billi ntuhom xi tip ta' nċentiv biex b'hekk il-wied ikun nadif u jkun jista jigi aċċessat mill-Playingfield. Il-Kunsill qabel ma' dan.

25.7.11 Ta' Bordin - Is-Sindku rrefera wkoll għall-progett ta' resurfacing ta' Triq Ta' Bordin taht il-Mizura 4.3. Huwa spjega kif ġiet approvata l-offerta minn Salvu Camilleri and Sons u x-xogħol mistenni li jibda fil-ġranet li ġejjin.

25.7.12 Is-Sindku qal wkoll li għadna nitolbu lil Ministeru sabiex ikompli jagħmel it-Triq ta' Bordin fl-aħħar parti fejn mhux ser jingħata cement billi m'hemx fondi allokati għal din il-parti li hija sostanzjalment twila.

25.7.13 Is-Sindku qal li wara li ser issir din il-parti tat-triq tant mistennija, xieraq li l-kunsill anke permezz tal-ħaddiema tiegħu jagħmel ukoll parti żgħira oħra biswit il-wied ta' Simirat, fid-daħla minn Triq Borġ Għarib u f'tarf tat-trejqa sabiex anke il-bdiewa ta' din ix-xaqliba l-oħra ma' jkollomx problemi ta' aċċess speċjalment meta tagħmel ix-xita. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 25.8 Xoljiment tal-Fondazzjoni Bethlehem f'Għajnsielem

25.8.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għax-xoljiment tal-VO/384 Fondazzjoni Betlehem f'Għajnsielem peress li ma kinitx għada tiffunzjoni. Huwa spjega kif issa l-kont bankarju jinsab magħluq u il-bilance ser jigu amminsitrati mill-Kunsill. L-ammont li ġie transferit huwa ta €7,469.58. Minn dan jrid jinqata ix-xogħol professjonali tal-accountant Pauliana Said li ħadet hsieb il-process finanzjarju biex ingħalqet din il-Fondazzjoni filwaqt li l-bqija jintużaw sabiex inkomplu insaħħu din l-attivita ta' Bethlehem f'Għajnsielem.

## 25.9 Aġġornament attivitajiet Sajf 2021

25.9.1 Is-Sindku rrefera b'dispjacir li għat-tieni sena konsekuttiva, minhabba restrizzjonijiet tal-pandemija tal-Covid u anke peressli l-kazijiet reġġħu bdew jizdiedu, l-attivitajiet mhumiex permessi u għalhekk huwa propona li sabiex noholqu sens ta' komunita' nibdew nagħlqu t-toroq ta' quddiem il-kazini nhar ta' Sibt u Hadd u ninkarigaw lilll-għaqda armar bl-għeluq u l-ftuh tat-toroq bejn is-7pm u l-11pm. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u li għandna navzaw lill-Transport Malta u lill-Pulizija. Is-Sindku rrefera wkoll għall-festun li bih zejjinna c-Centru tal-lokal li qajjem atmosfera pożittiva u din ta' festa.

## 25.10 Approvazzjoni ta' store ġdid għal Kunsill

25.10.1 Il-Kunsill approva ftehim tal-kiri tal-istore l-ġdid bejn il-Kunsill u l-propretarju Christopher Mifsud. Il-kunsill qabel ukoll li l-bieb tal-istores il-ġodda jkun jinfetaħ u jingħalaq bir-remote

control. Għandha tinġab stima u jekk tkun anqas minn €1000 għandna nipproċedu bl-ordni tagħha Is-Sindku spjega li ser jkollna arloġġ tad-dawl għalina u se nkunu nistgħu niċċarġjaw il-vetturi tagħna. Huwa spjega li qed isiru l-preparament kollha mehtiega sabiex nitrasferixxu l-istores tagħna hemmhekk kemm jista jkun malajr.

## 25.11 Approvazzjoni tal-Evaluation Reports tal-Offerti

25.11.1 Is-Segretarja resqet l-evaluation reports ta' dawn il-kuntratti għall-approvazzjoni:-

25.11.2 Kuntratt tal-Street Sweeping - Il-Bord tal-Evalwazzjoni rrakkomanda li l-għazla għandha taqa' fuq Sultech & Co għall-prezz ta' €47138.32 għall-tlett snin. Il-Kunsill qabel li għandu japprova din l-għazla u jibda l-kuntratt il-gdid b'effett mill-1 t'Awwissu 2021.

25.11.3 Għall-offerta tar-restawr tac-cumnija kien hemm offerta wahda biss u l-Bord tal-evalwazzjoni sabha kompetibbli. L-offera ttiehdem mill-kuntrattur Mark Attard għall-prezz ta' €7500 eks VAT. Il-Kunsill approva din l-għazla biex jinbeda x-xogħol kemm jista jkun malajr.

25.11.4 Għall-offerta tad-dawl ta' Pjazza Tolfa ntefgħu zewg offerti mingħand:-

- Brighter Solutions Limited għal prezz ta' €11,327.58
- Light Design Solutions ghall-prezz ta' €8718.00

Il-Kunsill qabel li għandu jahtar Bord tal-Evalwazzjoni li għandu jkun kompost minn Inginer Joseph Azzopardi, l- Avukat Joshua Grech, il-kunsillier Larry Buttigieg,is-Sur William Sultana u s-Segretarju Ezekuttiv Lucienne Haber.

## 25.12 Hatra ta' Bord tal-Evalwazzjoni għall-Offerta taht Mizura 4.4

25.12.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat kif illum għalqet l-offerta tat-tieni parti tar-restawr ta' Hitan fi Triq il-Briegħen u Triq ix-Xatt l-Ahmar. għal din l-offerta ntefgħu tlett offerti :-

- Little Rock Quarry Ltd €71,565.23
- PROHS_JOS EPH GILI €49,723.50
- Gatt Tarmac Ltd Online € 88,909.06

25.12.2 Sabiex tigi evalwata din l-offerta jinhtieg li jinhatar Bord tal-għazla. Il-Kunsill qabel li l-Bord għandu jkun kompost mill-Avukat Joshua Grech, il-Perit Edward Scerri, is-Sur William Sultana, il-kunsillier Larry Buttigieg u s-Segratju Ezekuttiv Lucienne Haber.

**25.13 European Mobility Week**

25.13.1 Is-Sindku għamel referenza għall-kompetizzjonijiet tal-European Mobility Week kemm f'dawk li huma attivitajiet . Il-Kunsill qabel li minhabba l-pandemija l-attivitajiet huma ristretti u ma jhossx li għandu japplika. Bhala progett għandu jerga jressaq dak ta' hydraulic bollards biex nagħlqu t-toroq tac-centru tal-lokal.

**25.14 Skema Bellus**

25.14.1 Is-Sindku għamel refernza għall-iskema mahruga mill-Awtorita' tal-Ippjanar; Skema Bellus li għaliha wiehed jista japplika għall-progett ambjentali li jammontaw għall mhux anqas minn €50,000 u massimu ta' €100,000. Is-Sindku propona li għandna napplikaw bil-progett tal-Belvedere ta' Triq il-Qigħan għax jolqot il-kriterji kollha ta' din l-iskema. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**25.15 Materji ohra**

25.15.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

**25.16 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

25.16.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

**25.17 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

25.17.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 9 ta' Awwissu 2021 fl-4:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**